

Brussell, 26 ta' Frar 2018
(OR. en)

6396/18

Fajls Interistituzzjonali:
2017/0351 (COD)
2017/0352 (COD)

COSI 41
FRONT 42
ASIM 12
DAPIX 49
ENFOPOL 88
ENFOCUSTOM 34
SIRIS 8
SCHENGEN 2
DATAPROTECT 18
VISA 31
FAUXDOC 9
COPEN 51
JAI 169
CT 28
COMIX 85

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	15119/17 + COR 1, 15729/17 + COR 1
Suġġett:	Interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE: a) Regolament dwar l-Interoperabbiltà (fruntieri u viża) b) Regolament dwar l-Interoperabbiltà (kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, asil u migrazzjoni) = Dibattitu ta' orjentazzjoni

Sfond

L-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni ilha prijorità fl-ogħla livell politiku għal dawn l-aħħar snin, kif iddikjarat mill-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2015: "L-attakki terroristiċi reċenti juru b'mod partikolari l-urġenza li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward ta' (...) l-iżgurar tal-interoperabbiltà tal-bażijiet ta' data rilevanti fir-rigward tal-kontrolli tas-sigurtà"¹.

¹ EUCO 28/15

Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà². Abbażi ta' din il-Komunikazzjoni, ġie stabbilit Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà li ħejja rapport³ b'viżjoni strateġika ġenerali dwar l-interoperabbiltà u l-interkonnessjoni tas-sistemi ta' informazzjoni u dwar ġestjoni ta' data aktar effettiva u effiċjenti għall-fruntieri u s-sigurtà fl-UE.

Fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli, fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar it-triq 'il quddiem biex ikun hemm titjib fl-iskambju ta' informazzjoni u biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE⁴. Il-Kunsill laqa' r-rapport finali mill-Grupp u ddeskriva l-viżjoni tiegħu kif ser javvanza r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport.

B'mod partikolari, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex taħdem biex tiżviluppa **komponenti tal-interoperabbiltà**, filwaqt li tiżgura l-konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u b'mod partikolari l-qafas komprensiv għall-protezzjoni tad-data personali fl-UE:

- portal Ewropew ta' tfittxija li jkun kapaċi jfittex b'mod parallel fis-sistemi rilevanti kollha tal-UE fl-oqsma tal-fruntieri, is-sigurtà u l-asil;
- servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku għal kull tip ta' data bijometrika;
- repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità.

Il-Kummissjoni ġiet mistiedna tagħmel proposti leġislattivi kif adatt f'konformità mal-eżitu tal-istudji dwar il-fattibbiltà, inkluż valutazzjoni tal-impatt dettaljata, sabiex dawn is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà jiġu implimentati fil-prattika sal-2020.

Bil-għan li s-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà jaħdmu kif xieraq, il-Kunsill talab ukoll lill-partijiet ikkonċernati rilevanti biex itejbu **l-kwalità tad-data** fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u biex jikkunsidraw modi kif jistgħu jstabbilixxu l-governanza tal-**Format Universali għall-Messaġġi (UMF)** fil-livell tal-UE.

² 7644/16

³ 8434/1/17 REV 1

⁴ 10151/17

Barra minn hekk, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tesplora l-alternattivi biex tinkiseb iktar simplifikazzjoni, konsistenza, effettività u attenzjoni għall-ħtiġijiet operattivi fir-rigward tal-**aċċess tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE** fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill issottolinja għadd ta' **rakkomandazzjonijiet oħra għall-perijodu aktar fit-tul** li saru mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà, b'mod partikolari dwar il-fattibbiltà tal-iżviluppi deskritti hawn taħt u l-preżentazzjoni tas-sejbiet rispettivi lill-Kunsill matul l-2018:

- reġistrazzjoni sistematika tal-qsim tal-fruntieri miċ-ċittadini kollha tal-UE;
- reġistrazzjoni mmirata ta' hits pożittivi li jkunu saru fis-SIS u titjib fid-disponibbiltà tal-informazzjoni supplimentari li tkun tinsab fil-formoli tas-SIS;
- l-istabbiliment ta' repożitorju ċentrali tal-UE li jkun fih informazzjoni dwar il-viżi għal soġġorni twal, karti ta' residenza u permessi ta' residenza;
- l-interoperabbiltà tas-sistemi tas-sigurtà u tal-ġestjoni tal-fruntieri mas-sistemi doganali;
- mekkaniżmu ċentralizzat għall-informazzjoni antiċipata dwar il-passiġġieri (API), inkluż il-ħtieġa ta' router ċentralizzat, kif ukoll l-użu potenzjali tiegħu għar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR).

Il-Kunsill fakkar ukoll fl-istedina li għamel lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-**e-CODEX**, u biex tiegħu l-azzjonijiet meħtieġa, inkluż proposta leġislattiva li tistabbilixxi s-sistema tad-Dokumenti Foloż u Awtentiċi Online (**FADO**) fuq bażi iktar soda.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22-23 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill Ewropew⁵ stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tħejji, kemm jista' jkun malajr, abbozz ta' leġislazzjoni li tippromulga l-proposti li saru mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Interoperabbiltà.

⁵ EUCO 8/17

Is-sitwazzjoni attwali

Fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti leġislattivi dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE: waħda li tiffoka fuq is-sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira b'rabta mal-fruntieri u l-viża⁶, l-oħra li tiffoka fuq is-sistemi ta' informazzjoni relatati mal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni⁷.

Il-Kummissjoni ppreżentat dawn il-proposti fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) fil-15 ta' Diċembru 2017, u b'mod ġenerali ntlagħhu tajjeb mid-delegazzjonijiet. Il-Grupp ta' Ħidma analizza dawn iż-żewġ proposti artikolu wara l-ieħor fil-laqgħat tiegħu tat-8-9 ta' Jannar, it-22-23 ta' Jannar u l-15-16 ta' Frar 2018.

Matul din l-analiżi, tqajmu diversi kwistjonijiet tekniċi u operattivi, inkluż b'rabta mat-tħaddim ta' kull wieħed mill-komponenti tal-interoperabbiltà, il-fluss mistenni ta' ħidma b'rabta mad-data u l-arkitettura ġenerali tal-interoperabbiltà kif ukoll l-introduzzjoni tagħha, l-implikazzjonijiet tal-komponenti tal-interoperabbiltà għall-istruttura teknika attwali fil-livell nazzjonali u għall-ħinijiet tar-rispons fil-fruntieri, u fir-rigward tat-tħaddim fil-prattika tal-profil tal-utent u d-drittijiet ta' aċċess. Id-delegazzjonijiet laqgħu l-fatt li l-Kummissjoni qed torganizza sessjonijiet ta' ħidma tekniċi: waħda fl-14 ta' Frar 2018 u oħra ppjanata għas-16 ta' Marzu 2018 biex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati f'aktar dettall.

Matul id-diskussjonijiet imsemmija hawn fuq, ħareġ ċar ukoll li l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà ser teħtieġ mezzi finanzjarji adatti kif ukoll mezzi tekniċi (eż. tagħmir mobbli) u riżorsi umani u ppjanar u tħejjija bir-reqqa kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fi ħdan l-Istati Membri. B'mod partikolari, tqajmet il-kwistjoni tal-implikazzjonijiet possibbli tal-verifika manwali ta' data ta' identità differenti għall-gwardji tal-fruntieri u l-uffiċċji SIRENE. Ġie konkluż ukoll li l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE kif ukoll l-Istati Membri ser ikollhom jaħdmu id f'id sabiex jiżguraw li l-komponenti tal-interoperabbiltà jkunu jistgħu jiġu implimentati mingħajr dewmien, biex ikunu jistgħu jibbenefikaw minnhom kemm jista' jkun malajr.

⁶ 15119/17

⁷ 15729/17

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u bil-għan li tingħata gwida politika għall-analiżi tal-proposti legiſlattivi li għaddejja bħalissa dwar l-iſtabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, il-Ministri huma ġentilment mitluba jirriflettu fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1) Taqbel li l-komponenti proposti tal-interoperabbiltà - b'mod partikolari, il-Portal Ewropew tat-Tfittxija, is-Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku, ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità u d-Detettur ta' Identitajiet Multipli - jindirizzaw kif xieraq it-talbiet mill-Kunsill Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-iżvilupp ta' interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE? L-użu (obbligatorju) ta' dawn il-komponenti, flimkien ma' miżuri oħra proposti⁸, ser jiffaċilitaw biżżejjed il-ħidma tal-utenti finali, u jgħinu biex tissaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u s-sigurtà interna fl-UE?
- 2) Meta jitqies li l-iżvilupp tal-komponenti ċentrali tal-interoperabbiltà ser jeħtieġu azzjonijiet fil-livell nazzjonali biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-funzjonalitajiet ġodda fil-futur, taqbel li jkun hemm ċerta koordinazzjoni fil-livell tal-UE għat-tħejjija tal-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali?
- 3) Taħseb li fil-proposti legiſlattivi attwali dwar l-interoperabbiltà għandhom jiġu kkunsidrati elementi oħrajn, bħall-ħżin ta' data bijometrika mill-bażijiet ta' data nazzjonali, il-Europol u l-Interpol fis-Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku?
- 4) Taqbel li l-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri għandha teżamina l-flessibbiltà ta' rakkomandazzjonijiet oħrajn iktar fit-tul tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà sabiex jiġu indirizzati l-lakuni li fadal fl-informazzjoni u biex jitjiebu s-sistemi ta' informazzjoni eżistenti li jikkontribwixxu biex jitlesta l-qafas tal-interoperabbiltà fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni?

⁸ Bħat-titjib tal-kwalità tad-data, l-iſtabbiliment tar-Repożitorju Komuni għar-Rapportar u l-Istatistika kif ukoll is-simplifikazzjoni tal-aċċess tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi għal sistemi li mhumieq tal-infurzar tal-liġi.